# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Jannar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**Adriana Casha**

**Kumpilazzjoni Nru: 457/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Adriana Casha, u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 122581(M).

Akkuzata talli fit-09 ta' Awwissu 2016 ghal habta bejn 12:00hrs u 12:30hrs minn vann DAF587 ipparkjat fi Triq il-Kampanella, Fgura, serqet mobile phone tal-ghamla Alcatel IMEI numru 869491011215325 numru serje 6010X/2DALMT1 mudell One Touch Star valur ta' €100 u kif ukoll €200 ghad-detriment ta' Paul Barun liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentement xtrat jew laqet ghandha hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li

tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-16 ta' Ottubru 2017 l-imputata ammetttiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Rat il-pre sentenceing report redatt mill-ufficjal tal-probation inkarigat ghal dan il-ghan.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni; din ghalhakk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li qalet l-ufficjal tal-probation kemm fix-xhieda taghha kif ukoll fir-rapport minnha prezentat. Jirirzulta li l-imputata ghandha l-vizzju tad-droga u li fil-mori ta' dawn il-proceduri hija bdiet programm ta' riabilitazzjoni pero ma spiccatux. Dan huwa t-tieni programm ta' riabilitazzjoni li bdiet l-imputata: l-ewwel wiehed kienet ikkompletathu pero wara xi zmien regghet waqghet fil-vizzju. Hija qatghet ukoll l-kuntatt mal-key worker taghha.

Illi mill-kostatazzjonijiet li ghamlet l-ufficjal tal-probation jidher li l-imputata ghad ghandha bzonn hafna ghajnuna biex verament tkun tista tirriabilita lilha nnifisha, pero jidher li l-imputata ma kenitx lesta biex tilqa din l-ghajnuna. Fil-fatt mill-komportament taghha fil-mori ta' dawn il-proceduri jidher li hija kienet qed taghmel biss dak il-minimu nercessarju biex tipprova tevita piena karcerarja u mhux necessarjament ghax kienet konvinta min dak li kellha bzonn taghmel. Minkejja dan jidher li kien hemm xi kambajmenti pozittivi ukoll.

Illi l-Qorti ghalhekk hija lesta li taghti lill-imputata l-ahhar opportunita biex tirriabilita lilha nnifisha minghajr il-htiega ta' piena karcerarja u permezz ta' ordni ta' probation u billi biex tibda u tkompli sa tmienu dak il-programm ta' riabilitazzjoni li jigi indikat lilha mill-ufficjal tal-probation. Dan b'l-intendiment car li ssegwi skrupolozament il-kundizzjonijijet tal-probation u d-direttivi ta'l-ufficjal tal-probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c)(g), 267 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li tibda u tkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**